**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 t'Ottubru, 2017**

**Rikors nru: 239/2014 MLF**

**Joseph Gauci u martu Charmaine Gauci ghal kull interess li jista' jkollha, u b'digriet tas-6 ta' Gunju 2015, din il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni ta' l-atti minn fuq il-mejjet Joseph Gauci ghal fuq Charmaine Gauci bhala eredi tal-mejjet Joseph Gauci**

**vs**

**Joseph Scicluna**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef u sitt mija u sitta u hamsin Ewro (€6656.00) rapprezentanti prezz ta' tiben (inkluz trasport ta' l-istess) mibjugh u kkonsenjat lilu li baqa' ma thallasx (Dok A).

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-kunsens tal-konvenut ghall-iskrittura privata de quo kien vizzjat, minhabba li nghata bi zball fuq element essenzjali tal-iskrittura privata u/jew minhabba frodi adoperata a dannu tal-konvenut;
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponenti m'ghandux jaghti l-ammont kollu mitlub.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti;

Rat in-nota tal-konvenut tal-14 ta' Dicembru 2015, li permezz taghha irtira l-ewwel eccezzjoni tieghu rigward l-iskrittura *de quo,* fil-waqt li zamm ferm l-eccezzjonijiet l-ohra tieghu.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attrici

Rat in-nota tal-konvenut fejn irrinunzja ghad-dritt tieghu li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet risponsiva.

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Il-konvenut kien jixtri malef (tiben) minghand l-attur Joseph Gauci, li miet fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u jhallashom b'pagamenti mensili.
2. Mart Joseph Gauci, Charmaine Gauci kienet tghin lir-ragel taghha fin-negozju tieghu, billi zzommlu l-konteggi.
3. Mid-dokumenti ezebiti mill-konvenut jirrizulta li fl-2012, il-konvenut xtara minghand Joseph Gauci malef fl-ammont ta' €9,633, u beda jaghmel xi pagamenti, ghalkemm mhux dejjem mensili, bl-ahhar pagament sar fil-21 ta' Lulju 2013. Skond il-konvenut, sa dak in-nhar hu kien hallas l-ammont ta' €4095.00, u kien ghad fadallu jhallas l-ammont ta' €5,538.00.

4. Sussegwentement Gauci cempel lil konvenut u qallu li kien ma jiflahx, u ma ried ihalli l-affarijiet sew ghal martu, u ghalhekk talbu biex jiffirmaw karta bejniethom, fejn il-konvenut jiddikjara kemm kien fadallu jaghti lil Gauci.
5. Huma ltaqghu, u l-konvenut iffirma skrittura privata datata 29 ta' Mejju 2014, fejn iddikjara li kien ghad fadallu jaghti lil Gauci l-ammont ta' €6,656.00, rapprezentanti prezz ta' tibejn (inkluz transport tal-istess) mibjugh u kkonsenjat lilu, li kien ghadu ma thallasx.
6. Peress li l-atturi konjugi Gauci baqghu ma thallsux dan l-ammont ta' €6,656.00, huma intavolaw dawn il-proceduri.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Fix-xhieda tieghu, l-konvenut ammetta li hu ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' €5,538.00, izda qed jikkontesta li hu ghandu jhallas l-ammont ta' €6,656.00, kif iddikjara fl-iskrittura privata tad-29 ta' Mejju 2014. Hu jallega li hu ma kienx jaf jikteb u jaqra, u li meta ltaqa' ma' Gauci, dan ta' l-ahhar ma qralux l-iskrittura qabel iffirmaha.

Fix-xhieda taghha, l-attrici Charmaine Gauci spjegat li d-differenza ta' €1,118.00, bejn dak li l-konvenut qed jghid li ghandu jaghti, u l-ammont li hi u zewgha qed jippretendu, tirraprezenta l-prezz ta' 32 balla tiben ohra, li l-konvenut kien xtara minghand zewgha, wara l-ordni originali ta' tiben ta' €9,633. Meta l-iskrittura privata giet redatta, hi u zewgha inkludew fl-ammont dovut mill-konvenut mhux biss il-€5,538.00 li kien fadallu jaghti mill-ordni originali, izda wkoll l-ammont ta' €1,118.00, li kien jirraprezenta l-prezz tal-ordni sussegwenti, u b'hekk it-total dovut mill-konvenut kien ta' €6,656.00.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirreleva li l-ispjegazzjoni tad-diskrepanza fl-ammont dovut moghtija mill-attrici ma giet bl-ebda mod kontestata mill-konvenut.

Fit-tieni lok, il-konvenut qatt ma attakka l-validita tal-iskrittura privata, u f'dawn il-proceduri huwa irrinunzja ghall-ewwel eccezzjoni tieghu fis-sens li l-kunsens tieghu ghall-iskrittura privata de quo kien vizzjat.

Ghalhekk, din il-Qorti trid tiddeciedi fuq l-unika eccezzjoni li jifdal tal-konvenut, u cioe li hu m'ghandux jaghti l-ammont kollu minnu mitlub.

Ladarba l-validita tal-iskrittura privata in kwistjoni ma gietx kontestata mill-konvenut, din l-iskrittura hija valida u hija vinkolanti fuq il-konvenut, u l-Qorti tista' tieqaf hawn.

Pero ex abundantia, il-Qorti tixtieq tirrileva li l-versjoni tal-fatti tal-konvenut m'hix wahda kredibbli. Fl-ewwel lok, huwa lanqas biss hallas parti, anke jekk pendenti dawn il-proceduri, mill-ammont ta' €5,538.00 – li jekwivali ghal iktar minn 82% tal-ammont pretiz mill-attrici - li hu stess jirrikonoxxi li ghandu jaghti lill-attrici. Kif diga inghad, l-ahhar pagament li ghamel, akkont tal-ammont minnu dovut, sar f'Lulju tal-2013.

L-ispjegazzjoni li tat l-attrici biex tiggustifika d-diskrepanza fl-ammonti bejn dak dikjarat fl-iskrittura privata u dak li l-konvenut jammetti li hu dovut minnu hija wahda kredibbli, u ma giet bl-ebda mod kontradetta.

Ix-xhieda tal-attrici li hi u zewggha kienu jitolbuh ihallas kemm qabel iffirma l-iskrittura privata, kif ukoll wara li iffirmaha, ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-konvenut. Anzi, waqt il-kontro-ezami tieghu, huwa ammetta li minn dak in-nhar li huwa iffirma l-iskrittura huwa ma hallas xejn.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tikkonkludi li t-talba attrici giet sodisfacjentement ippruvata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut;
2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;
3. Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sitt elef u sitt mija u sitta u hamsin Ewro (€6,656.00), bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**
**Deputat Registratur**